27 ta' Lulju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Onorevoli Domenico Mintoff, B.Sc., B.E. & A., M.A.(Oxon.), A. & C.E., M.L.A. et ne.

*versus*

Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget, LL.D. et.

## Antikitajiet — Bejgħ — Liċitazzjoni — Diviżjoni — Kjamata fil-Kawża — Preferenza — Retratt — Art. 1492 u 551 (1) tal-Kap. 23 — Art. 3 (1) tal-Kap. 90

*Il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet tiddisponi illi, fil-każ ta' bejgħ ta' xi oġġett li jkollu mportanza ġeoloġika, arkeoloġika, antikwarja jew artistika, il-Gvern għandu d-dritt ta' akkwist ta' dak l-oġġett bi preferenza ta' kull wieħed ieħor, taħt l-istess kondizzjonijiet.*

*Il-liċitazzjoni hija ġudizzjarja, meta ssir quddiem it-tribunali; imma meta l-partijiet jakkonsentu għaliha, ikun hemm bejgħ bl-irkant, li għalieħ ma hi meħtieġa ebda formalità, u jista' jsir b'kull mod u per mezz ta' kull persuna li jkun jogħġobhom il-partijiet.*

*Il-liċitazzjoni tista' tekwivali għal diviżjoni jew għal bejgħ, skond il-każ. Jekk l-aġġudikatarju ta' oġġett liċitat ikun bniedem barrani, ikun każ ta' bejgħ; imma jekk l-oġġett liċitat jiġi akkwistat minn wieħed mill-komproprjetarji, ma jkunx hemm vendita għar-rigward ta' dak l-oġġett, imma jkun hemm diviżjoni.*

*Għaldaqstant, jekk oġġett jinbiegħ f'liċitazzjoni, u l-aġġudikatarju tiegħu jkun wieħed mill-kolliċitanti, id-dritt ta' preferenza fuq imsemmi ma japplikax; għax dak l-oġġett ma ġiex mibjugħ. U dan avvolja l-liċitazzjoni tkun saret bl-intervent ta' offerenti barranin.*

*F'tema ta' rkupru in ġenerali, il-liġi tiddisponi illi l-azzjoni ta' rkupru tista' titmexxa mhux biss kontra x-xerrej, iżda wkoll kontra kull possessur ieħor tal-ħaġa; dan ifisser illi r-retraent jista', jekk irid, iħalli barra l-kumpratur oriġinarju f'każ ta' trasferiment tal-oġġett tal-bejgħ, imma mhuwiex obligat iħallieħ barra, kif ma huwiex obligat jinkludieħ. Hu veru li r-regola hija li r-rtratt, biex ikun eżerċitat validament, għandu jkun dirett kontra min ikun fil-pussess attwali tal-ħaġa fiż-żmien li tiġi preżentata ċ-ċedola tal-irkupru, għar-raġuni, illi, minħabba t-trasferiment tal-ħaġa da parti tal-akkwirent oriġinali, ħadd ħlief dak li attwalment jippossjediha ma jista' jagħmel ir-rivendizzjoni tagħha favur ir-retraent; u dan b'mod speċjali meta dak it-trasferiment ma jkunx ġie legalment notifikat lir-retraent; imma r-retraent hu dejjem ġustifikat li jaġixxi anki kontra l-akkwirent oriġinarju, jekk ma kienx jaf li kien hemm dan it-trasferiment u min kien l-akkwirent susseg-wenti, u kwindi l-possessur attwali tal-ħaġa rkuprata, jew ma jirriżultax li l-akkwirent oriġinali kellu jiġi ritenut, qabel il-proċeduri, assolutament estranju għar-rivendizzjoni li kellha ssir lir-retraent, jiġifieri jekk seta' jkun interessat fil-parti tal-likwidazzjoni tal-ispejjeż dovuti skond il-liġi.*

*Għaldaqstant, jekk jinbiegħ f'irkant publiku oġġett ta' importanza antik-warja jew artistika, u l-Gvern jeżerċita d-dritt tal-preferenza fuq dak l-oġġett kontra l-akkwirent ta' dak l-oġġett, u jaġixxi kontra tiegħu għar-rivendizzjoni mħabba li dak l-akkwirent ma jkunx għamel lill-Gvern dik ir-rivendizzjoni, l-akkwirent ma jistgħax jeċċipixxi li hu ma għandux interess fil-kawża u li għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex huwa kien ittrasferixxa dak l-oġġett lil terza persuna qabel ma nbdew il-proċeduri, la darba l-Gvern ma kienx jaf b'dak it-trasferiment; u jekk dak l-akkwirent semma l-isem tal-akkwirent ta' warajħ fil-kors tal-kawża l-ewwel darba, ikun hemm lok għall-kjamata fil-kawża tat-terza persuna li lilha l-akkwirent oriġinarju jallega li ttrasferixxa l-oġġett fil-kwistjoni.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li jippremettu illi b'bejgħ bl-irkant li sar fid-29 ta' Mejju 1957, f'Ħal Balzan, mill-Irkantatur Publiku Albert C. Gingell, ta' effetti mobili appartenenti lill-assi tal-mejjet Dottor Enrico Borg Olivier,

LL.D., il-konvenut xtara bil-prezz ta' £16 żewġ bozzetti kontraddistinti bin-numru tal-lot 129 u bil-prezz ta' £16 wkoll żewġ bozzetti oħra tal-istess Palombi kontraddistinti bin-numru tal-lot 130; u illi l-erbgħa bozzetti fuq imsemmijin ta' Palombi huma oġġetti ta' importanza antikwarja u artistika, jew waħda minnhom, għall-finijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet (Kap. 90); u illi l-atturi, fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, eżerċitaw għar-rigward tax-xiri fuq imsemmi, tal-erbgħa bozzetti fuq imsemmija ta' Palombi, id-dritt tal-preferenza lilhom kompetenti skond l-art. 3 tal-Att fuq imsemmi, u dan per mezz ta' ċedola ta' eżerċizzju tad-dritt ta' preferenza u ta' kontestwali depożitu numru 78 tat-28 ta' Ġunju 1957 (dok. A), u huma fl-imsemmija kwalità, fl-istess ħin iddepożitaw is-somma ta' £34, li tirrappreżenta l-prezzijiet tal-erbgħa bozzetti, l-ispejjeż magħrufa lilhom u l-imgħax, u ħalfu illi ma jafux x'somma oħra ħallas leġittiment il-konvenut, u rriżervaw li jiddepożitaw tali somom ulterjuri malli jkunu lilhom notifikati b'att ġudizzjarju bil-ġustifikazzjonijiet relattivi; u illi l-konvenut ma rrilaxxjax u ma kkonsenjax l-erbgħa bozzetti fuq imsemmija; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa, u senjatament dik illi l-erbgħa bozzetti fuq imsemmija ta' Palombi, kontraddistinti bin-numri tal-lot 129 u 130, huma ta' mportanza antikwarja u artistika, jew waħda minnhom, għall-fini tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet (Kap. 90), u dan wara li ssir riferenza, okkorrendo, lil espert wieħed jew iżjed magħżula bi ftehim bejn il-kontendenti jew, fin-nuqqas ta' ftehim, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, għat-tenur tal-art. 15 (1) tal-Att fuq imsemmi, u premessa wkoll id-dikjarazzjoni illi d-dritt ta' preferenza eżerċitat minnhom fl-imsemmija kwalità għar-rigward tal-istess bozzetti biċ-ċedola fuq imsemmija numru 78 tat-28 ta' Ġunju 1957 (dok. A), ġie validament eżerċitat, b'mod li x-xiri tagħhom, li sar fil-bejgħ bl-irkant fuq imsemmi għandu jitqies għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bħal li kieku sar oriġinarjament minnhom fl-istess kwalità, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut

jiġi kundannat jirrilaxxjalhom fl-imsemmija kwalità l-erbgħa bozzetti tal-Palombi fuq imsemmijin, prevja, okkorrendo u jekk hu l-każ, il-likwidazzjoni tal-ispejjeż leġittimi oħrajn li l-konvenut inkorra fix-xiri fuq imsemmi, u li huma nomine ħalfu li ma jafux bihom, sabiex huma wkoll jistgħu jiddepożitawhom, kif iddikjaraw fuq il-fuq imsemmija ċedola. Bl-ispejjeż. Il-konvenut ġie mħarrek biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat li fid-29 ta' Mejju 1957, f'Ħal Balzan, sar bejgħ bl-irkant per mezz tal-Irkantatur Publiku Albert C. Gingell, ta' effetti mobili appartenenti lill-assi tal-mejjet Avukat Dr. Enrico Borg Olivier, u li l-konvenut minn dawk l-effetti mobili xtara, fost ħwejjeġ oħra, erbgħa bozzetti ta' Palombi, tnejn kontraddistinti bin-numru tal-lot 129 bil-prezz ta' £16, u t-tnejn l-oħra kontraddistinti bin-numru tal-lot 130 ukoll bil-prezz ta' £16. L-atturi jippretendu li dawn l-erbgħa bozzetti huma oġġetti ta' importanza antikwarja u/jew artistika għall-fini tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet (Att Nru. XI tal-1925); u b'ċedola numru 78 tat-28 ta' Ġunju 1957 eżerċitaw id-dritt ta' preferenza fuqhom, u fl-istess ħin iddepożitaw is-somma ta' £34, rappreżentativi l-prezz tal-erbgħa bozzetti, l-ispejjeż magħrufa lilhom u l-imgħax, u rriżervaw li jiddepożitaw kwalunkwe somma ulterjuri malli tkun lilhom notifikata b'att ġudizzjarju bil-ġustifikazzjonijiet relattivi. Il-konvenut, però, ma rrilaxxjax u ma kkonsenjax lill-atturi l-imsemmija erbgħa bozzetti; u għalhekk huma qegħdin jitolbu l-kundanna tal-konvenut għar-rilaxx u konsenja lilhom tal-imsemmijin erbgħa bozzetti ta' Palombi;

Ikkunsidrat, rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Illi b'din l-eċċezzjoni, li magħha assoċja ruħu l-imsej-

jaħ fil-kawża, il-konvenut jissottometti li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, billi jallega li huwa ma kellux jiġi mħarrek f'din il-kawża, għaliex il-bozzetti in kwistjoni ma jistgħax jirrilaxxjahom lill-atturi, għaliex ma għadhomx għandu, billi ttrasferihom lil terza persuna, u l-atturi ġew debitament infurmati minnu b'dan it-trasferiment minn qabel l-introduzzjoni tal-kawża;

Illi din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli. Hu veru li hi regola li r-retratt, biex ikun eżerċitat validament, għandu jkun dirett kontra min ikun fil-pussess attwali tal-ħaġa fiż-żmien li l-istess jiġi ntentat bil-preżentazzjoni taċ-ċedola fir-Reġistru tal-Qorti kompetenti, mħabba t-trasferiment tal-ħaġa mill-kumpratur oriġinali lil persuna oħra, għarraġuni li ħadd ħlief l-attwali possessur ma jista' jagħmel ir-rivendizzjoni tal-ħaġa a favur tar-retraent, speċjalment meta t-trasferiment ikun ġie legalment għan-notizja tar-retraent qabel ma r-retratt ikun ġie eżerċitat (Vol. VIII 368); imma fil-każ taħt eżami, għalkemm il-konvenut informa l-atturi bl-att tat-trasferiment tal-bozzetti, minnu magħmul, u din l-informazzjoni għamilielhom legalment, jiġifieri b'ittra uffiċjali, huwa ma semmiex lill-atturi min kienet il-persuna li lilha huwa kien allega li għamel dak it-trasferiment, u l-isem ta' din il-persuna huwa rrivelaħ biss, u b'titubanza kbira, fil-kors tal-kawża; u għalhekk l-atturi ma setgħux, lanqas kieku riedu, la jeżerċitaw l-irkupru, u lanqas jaġixxu b'din il-kawża, ħlief kontra l-konvenut, li fil-poter tiegħu kienu ġew l-erbgħa bozzetti ġa msemmija fil-bejgħ bl-irkant li ssemma;

Barra minn dan, in tema ta' rkupru in ġenerali, il-liġi, fl-art. 1492 tal-Kodiċi Ċivili, tiddisponi li l-azzjoni ta' rkupru tista' titmexxa mhux biss kontra x-xerrej, iżda wkoll kontra kull possessur ieħor tal-ħaġa. Din id-dispożizzjoni timporta illi r-retraent jista', jekk irid, iħalli barra l-kumpratur oriġinarju f'każ ta' trasferiment, però mhuwiex obligat iħallieħ barra, u lanqas ma hu obligat jinkludieħ (Vol. XXIX-II-754). U fil-każ taħt konsiderazzjoni l-atturi bilfors kellhom jin-

kluduh, tant fl-eżerċizzju tar-retratt, kemm f'din il-kawża bħala konvenut; anzi kellhom, kif għamlu, jeżerċitaw dak l-irkupru, u jagħmlu dik l-azzjoni, unikament kontra l-konvenut, għar-raġuni li huma ma kienux jafu min kien il-possessur ta' dawk il-bozzetti li lilu l-konvenut kien allega li kien ittrasferihomlu;

Wara kollox, l-atturi kienu wkoll dejjem ġustifikati li jintentaw il-kawża kontra l-konvenut, anki kieku huwa ndikalhom il-persuna li lilha, kif infurmahom bl-imsemmija ittra uffiċjali, kien ittrasferixxa dawk il-bozzetti; għaliex huma ma setgħux jirritjenu li l-konvenut kien assolutament estranju għar-rivendizzjoni li kellha ssir lilhom; jiġifieri li l-konvenut seta' jkun interessat fil-parti tal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi dovuti skond il-liġi (ved. sent. ċit. Vol. XXIX-II-754);

Minn dan isegwi li l-atturi kienu ġustifikati jitolbu l-kjamata fil-kawża tal-Prokuratur Legali Albert Borg Olivier de Puget appena saru jafu li huwa kien, skond ma afferma l-konvenut, il-possessur attwali ta' l-imsemmija erbgħa bozzetti ta' Palombi;

Ikkunsidrat, rigward it-tieni eċċezzjoni;

Illi din l-azzjoni tinsab mill-atturi promossa in bażi għad-dispożizzjoni ta' l-art. 3 (1) tal-Kap. 90 tal-Liġijiet ta' Malta, li biha jingħad li, fil-każ ta' bejgħ ta' xi oġġett li jkollu mportanza ġeoloġika, arkeoloġika, ta' qdumija jew artistika, il-Gvern għandu d-dritt ta' l-akkwist ta' dak l-oġġett bi preferenza ta' kull wieħed ieħor, taħt l-istess kondizzjonijiet. Bl-imsemmija eċċezzjoni, li magħha jassoċja ruħu wkoll il-kjamat fil-kawża, il-konvenut jissottometti li din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tapplikax għall-każ, għaliex f'dan il-każ ma sarx lilu l-bejgħ ta' dawk l-erbgħa bozzetti, jew aħjar, dawk il-bozzetti huwa ma akkwistahomx b'bejgħ;

Illi l-bejgħ bl-irkant imsemmi fiċ-ċitazzjoni kien ta'

effetti mobili ta' l-Avukat Dr. Enrico Borg Olivier, li ta' parti minnhom kellu l-proprjetà assoluta, ta' parti oħra kellu l-proprjetà fi kwota biss, u tal-kumplament kellu l-użufrutt. Ta' l-erbgħa bozzetti in kwistjoni, u ta' xi effetti mobili oħra ndikati fil-lista "Ċ" (fol. 52), l-imsemmi Avukat kellu biss l-użufrutt; għaliex il-proprjetà tagħhom kienet, kwantu għan-nofs tal-konvenut u tat-tmien ħutu, bħala tfal tal-Perit Oliviero Borg Olivier mill-ewwel u t-tieni żwieġ tiegħu, u kwantu għan-nofs l-ieħor tal-konvenut u sebgħa ħutu, tfal mill-ewwel żwieġ ta' l-imsemmi perit, provenjenti lilhom minn għand zijuhom id-Dekan Kanoniku Francesco Borg Olivier. Wara l-mewt ta' l-użufruttwarju, l-Avukat Dr. Enrico Borg Olivier, l-interessati kienu sejrin jipproċedu għall-qasma ta' l-effetti mobili ġa msemmija; imma din il-qasma ma setgħetx issir komodament u mingħajr diskapitu, minħabba fin-numru tal-konparteċipanti, id-diversità tal-kwoti li kull wieħed minnhom kellu minn dawk l-oġġetti, kif ukoll minħabba li dawn l-oġġetti ma kellhomx kull wieħed l-istess valur attribwit lilhom, billi l-valuri ta' l-oġġetti kienu jvarjaw approssimattivament bejn £1, £2, £3, £32, £40, u £80, b'mod li f'każ ta' qasma seta' jkun il-każ li wieħed li jirċievi oġġett bi £80 kien ikollu jagħti ekwiparazzjoni ta' £70. Għalhekk il-partijiet interessati, meta kkonstataw li ma kienx hemm mod li jistgħu jagħmlu d-diviżjoni li jkun soddisfatt biha kull wieħed minnhom, ftehmu li jbiegħu l-effetti kollha b'irkant publiku. Il-proċedura hekk segwita mill-interessati kienet fit-termini tal-liġi;

Kif jgħallem il-Laurent, l-effetti mobili huma dejjem suxxettibbli ta' diviżjoni; imma ġie li jiġri li dawn l-effetti ma jistgħux jiġu diviżi komodament u mingħajr diskapitu. F'dan il-każ ma hemmx ħlief mezz wieħed biss biex jitqiegħed tmiem għall-indiviżjoni, dak ċjoè tal-bejgħ tal-ħaġa; dan il-bejgħ isir permezz ta' liċitazzjoni quddiem it-tribunali; u din hi l-liċitazzjoni ġudizzjarja. Imma meta l-partijiet jakkonsentu għal dan il-bejgħ, ikun hemm il-liċitazzjoni volontarja, il-bejgħ bl-irkant (Principi Diritto Civile, Della Licitazione, Vol. XXIV, para. 456), li għalieħ ma hi meħ-

tieġa ebda formalità, u jista' jsir bil-mezz ta' kull persuna u b'kull mod li l-komproprjetarji jkun jogħġobhom (art. 555 (1) Kodiċi Ċivili);

Illi l-konvenut jallega li dak li sar, għal dak li jirrigwarda lilu, proprjament ma kienx bejgħ, imma kien biss mod ta' diviżjoni; mentri l-atturi jippretendu li dak li sar kien bejgħ effettiv, għaliex il-liċitazzjoni tittermina l-komunjoni, imma n-natura ġuridika tagħha tibqa' dejjem dik ta' bejgħ. F'dan ir-rigward, għandu jingħad li ma għandhomx jissemmew il-każi b'mod vag u ġeneriku; għaliex inkella jista' jingħata raġun tant lill-atturi kemm lill-konvenut. Infatti, jista' jingħad favur it-teżi tal-konvenut, li ġie ritenut li l-liċitazzjoni tieħu l-lok tad-diviżjoni, u d-diviżjoni mhix ħlief att riżoluttiv tal-komunjoni, jew kawża taċ-ċessazzjoni ta' l-indiviżjoni, u għalhekk mhix traslattiva, imma dikjarattiva tal-proprjetà (Vol. VI, 412); li l-liċitazzjoni hi mod ta' diviżjoni, u mhix vendita (Vol. III, 218). Minn naħa l-oħra, favur it-teżi ta' l-atturi, ġie ritenut li l-oġġett ta' l-azzjoni ta' liċitazzjoni hu biss dak li tiġi xjolta l-komunjoni meta r-rimedju ordinarju li bih tiġi riżoluta din il-komunjoni, ċjoè d-diviżjoni, mhux prattikabbli (Vol. XVII-II-51); li l-iskop tal-liċitazzjoni hu ċ-ċessazzjoni tal-komunjoni tal-proprjetà (Vol. XXI-II-411); li l-liċitazzjoni, bħad-diviżjoni, hi mod ta' ċessazzjoni tal-komunjoni (Vol. XXVII-I-371). Għalhekk il-każ irid jiġi eżaminat taħt il-fattispeċi tiegħu partikulari;

Kif jgħallem il-Laurent (ibid. para. 460), il-liċitazzjoni tista' tekwivali jew għal diviżjoni jew għal vendita, skond il-każ. Hi mod li bih wieħed joħroġ mill-indiviżjoni, u kwindi tekwivali għal diviżjoni, "se uno dei comunisti si rende aggiudicatario, perchè il comunista che licita la cosa non è un compratore, ma un comproprietario per indiviso che mette fine alla indivisione; perchè tale è lo scopo che egli ha avuto concorrendo alla licitazione". L-effetti talliċitazzjoni però huma ben diversi meta min jirrendi ruħu aġġudikatarju jkun estranju; għaliex f'dan il-każ, "la lici-

tazione è una vendita che i comunisti fanno a colui che licita la cosa, e per conseguenza la aggiudicazione produce tutti gli effetti di una vendita; non è più un atto dichiarativo di proprietà, ma un atto col quale i collicitanti si obbligano a trasferire la proprietà al compratore". F'dan is-sens hi wkoll il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna; fejn ġie stabbilit li diversi huma l-effetti ġuridiċi tal-liċitazzjoni; għaliex, meta l-liċitazzjoni ssir lil wieħed mill-kompossessuri, tieħu l-lok ta' diviżjoni, mentri, meta ssir lil wieħed estranju, il-liċitazzjoni jkollha l-karattri kollha tal-vendita (Vol. VIII, 879, 639; XXX-II-321);

Illi, fuq l-iskorta tal-prinċipji fuq imsemmijin, in vista tal-fatti li ġa ssemmew, fil-każ taħt konsiderazzjoni l-bejgħ bl-irkant imsemmi fiċ-ċitazzjoni, tal-erbgħa bozzetti in kwistjoni, li sar favur il-konvenut, kien biss mod ta' diviżjoni, u mhux bejgħ veru u proprju; u kwindi kif jissottometti l-istess konvenut, id-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija ma tapplikax għall-istess każ. Xejn ma jiswa li, kif jissottomettu l-atturi, fl-imsemmi bejgħ bl-irkant kien hemm offerenti barranin. Kif jesprimi ruħu wkoll il-Laurent (ibidem, para. 460), "poco importa che gli estranei siano chiamati alla licitazione. Dal momento che non si rendono aggiudicatari, la loro presenza è indifferente per determinare la natura dell'atto". U l-liġi b'ebda dispożizzjoni ma tivvjeta konvenzjonijiet rigward il-mod ta' diviżjoni ta' beni posseduti in komun; u hu ċert li l-konsorti kapaċi li jaljenaw jistgħu jagħmlu l-konvenzjonijiet relattivi għal diviżjoni fi kwalunwe mod u forma li jkunu jidhrulhom konvenjenti (Vol. VII, 401; VIII, 639); anzi l-liġi tgħid espressament li, għall-liċitazzjoni li ssir bil-kunsens tal-komproprjetarii kollha, kif ġara fil-każ taħt konsiderazzjoni, ma hi meħtieġa ebda formalità, u tista' ssir bil-mezz ta' kull persuna u b'dak il-mod li l-komproprjetarji jgħażlu (art. 555(1) Kodiċi Ċivili);

Ikkunsidrat;

Illi, in vista tal-konklużjoni li ġiet għaliha din il-Qorti, ma hemmx lok li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni sollevata mill-imsejjaħ fil-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut u l-kjamat fil-kawża, u billi tirrespinġi t-talba tal-atturi, bl-ispejjeż, minbarra dawk tad-digriet tal-15 ta' Lulju 1957, li jibqgħu a kariku tal-konvenut.